MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 1120/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Pasquale Gauci u l-istess Pasquale Gauci**

**Vs**

**John Abela**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas Lm150.95c (mija u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenut li ddikjara li mhux responsabbli ghall-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal:

"He was driving along Ta' Xbiex Seafront, Msida towards the church and when he reached C/W A. Sciortino Street the driver of the vehicle on his right signaled him to swerve left and on doing so, through misjudgement collided into the right front door of parked car number PAS 004 which at that moment was open."

Filwaqt li Vincent Grima haddiem ma' United Automobile Ta' Xbiex qal li:

"Vehicle PAS 004 was left parked on the left side of the road, due to it having engine trouble. He left the right front door open to check with the computer which was inside the car and at that instant car number BAO 536 hit the said door."

Ra x-xhieda ta' John Abela li kien qed isuq fi triq tal-Busy Bee fejn ighid li hu u hiereg kien hemm zewg vetturi wara xulxin li kienu qed jirmonkaw il-karozzi. Dawn iz-zewg karozzi kienu qed jokkupaw wahda mil-*lanes* fejn il-konvenut ighid li kien ghaddej ezatt biex jaqlahom. Ighid li l-vettura ta' wara kellha l-bieba tax-xufier miftuha u jikkonferma li laqat il-ponta tal-bieba mal-*mudguard* tieghu. Il-konvenut ighid ukoll li kien hemm zewg piedi distanza bejn il-karozza u l-vettura tieghu x'hin ghadda. Fuq il-*lane* l-ohra jghid li kien gej vann ghalhekk ma setax johrog ghan-nofs it-triq.
Ra x-xhieda ta' Vincent Grima, prodott mis-socjeta' attrici, fejn dakinhar ta' l-incident kien gie msejjah mill-impjegat taghhom biex jipprova l-karozza minhabba li kellha difett. Ighid li waqt li kien fil-karozza jirranga, kellu l-bieba kemm kemm miftuha u l-konvenut laqat il-bieba mbaghad ibbrakja u waqaf 'il quddiem mill-karozza taghhom. Jaqbel ma' l-iskizz. Jikkonferma li l-karozza waqfet fuq is-*slow lane* pero' huma mbottawha mal-ewwel fil-genb fejn sar l-impatt. Ighid ukoll li dak il-hin ta' l-impatt, kien hemm il-*mechanic* fejn kien qieghed inewwel il-*computer* biex huma setghu jaghmlu t-*test*.

Ra x-xhieda ta' James Cutajar, prodott mis-socjeta' attrici, li huwa Assistant Foreman mal-United Automobile, fejn ighid li hareg din il-vettura biex jipprovaha u waqfitlu f'nofs tat-triq fejn il-Busy Bee. Wara li ressaqha fil-genb bil-*hazard lights* mixghulin, gie Vincent Grima u dahal f'din il-vettura biex jirrangaha. Cutajar ighid li hu fetah il-bieba bizzejjed biex ikun hemm spazju ghalih biex jidhol bejn il-bieba u l-karozza u dak il-hin intlaqtet il-bieba. Jichad li fetah il-bieba totalment. Jikkonferma li l-*hazard lights* kienu dejjem mixghulin u hass li joqghod fejn qaghad minhabba l-fatt li seta' jara d-dijanjosi tal-*computer* ghaliex il-*connection* ta' l-istess *computer* qieghda fuq in-naha tax-xufier.

Ra illi fix-xhieda tal-konvenut hu qal li ra z-zewg vetturi wieqfin izda xorta baqa' jsuq. Illi kien gej vann fuq il-*lane* l-ohra u skond il-konvenut stess hu ghamel "misjudgement". Fix-xhieda tieghu l-konvenut ammetta li ra l-bieba miftuha qabel il-habta.

Ghaldaqstant billi l-konvenut naqas li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u naqas li jieqaf meta kellu dik is-sitwazzjoni quddiemu l-istess konvenut kien unikament responsabbli ghall-habta in kwistjoni.

Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar id-danni.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-atturi, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas Lm150.95c (mija u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu) bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (13 ta' Gunju, 2003). Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------